KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 34 – L-ERBGĦA 30 TA' ĠUNJU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**34.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

34.1.1 Ma kienx hemm.

**34.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

34.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (33) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Emanuel Zammit issekondah.

34.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 34.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

34.3.1 Ma kienx hemm.

## 34 .4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

34.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li nhar it-8 ta' Lulju hemm Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-appell nru. 39/21 għal PC 126/18. Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar lill-preżenti li l-applikazzjoni kienet ġiet rifjutata fl-ewwel istanza. Wara li l-applikant kien appella mid-deċiżjoni, sar appell fejn il-Kunsill kien preżenti iżda l-każ kien ġie differit. Minħabba n-natura tal-każ, is-Sindku Dott. Sciberras stqarr li l-Kunsill għandu interess wieħed komuni, l-interess tal-komunità u tal-lokal. Informa wkoll li għal dan l-appell, qal li jkun tajjeb li l-Kunsill ikollu l-preżenza ta' assistenza legali. *Nem con*.

34.5.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li ġie iffirmat l-Framework Collaboration Agreement bejn il-Kunsill Lokali L-Iklin u l-Università ta' Malta nhar is-16 ta' Ġunju fl-Uffiċċju tar-Rettur fil-preżenza tal-Prof. Dott. Andrew Azzopardi, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv. Issa li ġie varat il-proġett, se nkunu qed insegwu l-proċess matul ix-xhur li ġejjin fejn se jkunu qed isiru laqgħat bilaterali biex naraw il-progress ta' dan il-proġett.

34.5.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu laqgħa ma' Spettur mill-Għassa tad-Distrett ta' B'Kara fejn ġie assenjat bir-responsabbiltà b'ħidma mall-Kunsill Lokal tal-Iklin. Is-Sindku irringrazzja lis-Surġent uxxenti tas-servizz li tat matul dawn l-aħħar xhur fejn ħdimna tajjeb ħafna filwaqt li awgura lill-Ispettur f'din ir-responsabbiltà ġdida mogħtija lilu biex jikkollabora fil-ħidma tiegħu mal-Kunsilli Lokali L-Iklin. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill jaħdem ma' kulħadd għall-ġid komuni tal-lokalità.

34.5.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu laqgħa mal-ERA dwar l-issue tal-Bring-in-Sites fejn qal li kien spjega l-pożizzjoni tal-Kunsill anke fid-dawl tad-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill fil-bidu ta' leġiżlatura ġdida meta kien ħa d-deċiżjoni li jitneħħew l-Bring-

in-Sites minħabba li dawn iż-żewġ siti kienu spiċċaw miżbliet żgħar. Iżda minkejja l-isforzi kollha biex jikkonvinċi l-politika li adotta l-Kunsill dwar l-immaniġġjar tal-iskart, fejn il-kunċett tal-*one-size-fits-all approach* mhux dejjem tapplika għal kulħadd għax kull lokalità f'Malta għandha l-karatteristiċi differenti tagħha, l-Uffiċċjali tal-Awtorità baqgħu jesiġu li l-Avviż Legali li daħal fis-seħħ fid-9 ta' April 2021 jimponi lill-Kunsilli Lokali biex jirregolarizzaw u fl-obbligu li jimplimentaw sett ta' Bring-in-Site għal kull 2,000 abitant.

L-import ta' dan l-Avviż Legali huwa ċar u ma jħallix wisq lok għall-interpretazzjoni.

Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Kunsillieri biex jekk iressqu proposti biex jiġu identifikati żoni għall-implimentazzjoni tal-imsemmija Bring-in-Sites. Stieden ukoll lill-Kunsillier godwin Catania bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent biex issir spezzjoni fuq siti varji qabel mal-istess Kunsill jiddeċiedi wara li jkun evalwa s-siti proposti.

34.5.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara pressjoni kbira li ilha issir mir-residenti ta' Triq il-Wied u dawk tat-toroq immedjati rigward id-dewmien esaġerat u l-inkonvenjenzi li ilhom isofru r-residenti mill-bidu ta' dan il-proġett, il-Kunsill huwa nfurmat li l-*wearing course* fi Triq il-Wied u Triq il-Bruka ser jingħata mill-kuntrattur appuntat nhar is-6 u 7 ta' Lulju.

34.5.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li r-residenti, sidien tal-ħwienet tan-negozju u l-utenti li jinqdew mill-ħwienet li jinsabu fil-viċinanzi ta' L-Iklin *round-about* qed jilmentaw minħabba ħruġ ta' ċitazzjonijiet peress li ż-żona hija mgħammra bis-CCTV. Kompla billi qal li mhux sew li klijent jidħol biex jinqeda minn ħanut biex jixtri l-essenzjal u jispiċċa jeħel multa ta' Eur23.29c. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ma kien qed jieħu l-ebda gwadann monetarju iżda min-naħa l-oħra CCTV qed isservi bħala deterrent.

Wara diskussjoni, fejn bil-permess tas-Sindku, għamlu l-intervent tagħhom l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Godwin Catania, kien deċiż li ssir talba lill-Aġenzija LESA biex il-*waiting time* tas-sistema ikun estiż b'mod raġjonevoli b'mod li jinstab il-bilanċ biex il-klijenti jinqdew bil-kumdità, is-sidien tan-negozji jibqgħu joperaw mingħajr detriment għan-negozju tagħhom filwaqt li l-immaniġġjar tat-traffiku jibqa kkontrollat bis-sistema li qed tiġi ġestita mill-Aġenzija LESA.

Il-Kunsill irid jassigura li s-sinjali tat-traffiku fil-post huma viżibbli u jrid jassigura f'kull ħin is-saħħa u s-sigurtà fuq it-toroq tal-Iklin.

## 34.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

34.6.1 Ma kienx hemm.

## 34.7 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

34.7.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-2 u t-28 ta' Ġunju 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

34.7.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1033/21. Garanzija bankarja ipprovduta minn Kuntrattur tal-Kunsill peress li se jkun qed jaħdem ma' Bank Kummerċjali differenti.

34.7.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1047/21. Kontroll tal-ħamiem.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-lokalità tal-Iklin m'għandhiex il-problema tal-ħamiem selvaġġ u għaldaqstant il-Kunsill huwa prekluż milli jadotta l-miżuri li ser jittieħdu fir-rigward tal-kontroll tat-twelid. It-trażżin ser ikun qed isir billi jsir għalf li jkun qed jipprevjeni milli jkun hemm riproduzzjoni tal-ħamiem selvaġġ.

34.7.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1057/21. *Memorandum* ta' ftehim dwar il-ħaxix selvaġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jiġi ffirmat MoU bejn il-Kunsill Lokali u l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta biex il-Kunsill firmatarju jintrabat li ma jneħħix il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali bejn Jannar u l-31 ta' Mejju. Dan għall-fatt li l-fjuri ta' dan il-ħaxix iservu bħala sors ta' *nectar* u pollen għal ħafna fawna fosthom in-naħla tal-għasel.

Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras qal li huwa kien jaqbel fil-prinċipju u jaqbel li l-Kunsill għandu jkun firmatarju biex nissalvagwardjaw n-nisġa ekoloġika. Kien hemm ukoll qbil unanimu li ladarba l-Kunsill jonora dan il-ftehim, issir kampanja edukattiva mall-komunità tal-Iklin biex nispjegaw il-kunċett u l-benefiċċji li toffri n-natura.

Fl-istess waqt, il-Kunsill ikun jista jwassal dan il-messaġġ permezz ta' materjal pubbliċitarju u l-implimentazzjoni ta' avviżi fil-passaġġi rurali. Kien deċiż li s-Sindku Dott. Sciberras se jara l-kontenut tal-ftehim fl-intier tiegħu qabel ma jiffirma l-ftehim.

34.7.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1061/21. Emendi fil-proċess għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika.

34.7.6 Il-Viċi Sindku Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1067/21. Applikazzjonijiet riveduti mibgħuta mill-Aġenzija Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità biex l-anzjani jkunu jistgħu jibbenifikaw minn servizzi li toffri AACC.

34.7.7 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1070/21. Webinar – Social Field: Youth and Criminality organizzat mill-AKL.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din it-tip ta' korrispondenza qed tintbagħat lil kull Kunsillier biex tkunu tafu b'dawn il-webinars li huma ta' interess għall-Kunsillieri. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kien irreġistra għal din is-sessjoni peress li t-taħdita kienet ser issir mid-Dekan tal-Fakultà tas-Social Well-being, il-Prof. Dr. Andrew Azzopardi. Fl-aħħar mumenti, l-AKL infurmat li l-webinar skedat kellu jiġi pospost għal data oħra li se titħabbar aktar tard.

34.7.8 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1071/21. Applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp.

Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jipprovdi l-informazzjoni lill-Kunsillier Catania aktar tard peress li ma kellux riferenza tal-applikazzjoni.

34.7.9 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1075/21. Servizz għall-anzjani – Psikoterapija.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-AACC Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed testendi s-servizz mingħajr ħlas għall-anzjani fil-komunità fil-kliniċi ta' B'Kara, Żurrieq, u l-Imtarfa jew fir-residenzi tal-anzjani għal sessjonijiet ta' psikoterapija biex tgħin nies li għandhom diffikultajiet fuq livell ta' mġieba u emozzjonijiet.

Permezz tal-psikoterapija, il-persuna tista tidentifika u tbiddel dawn l-emozzjonijiet, ħsibijiet, u mġieba bil-għan li jgħixu kwalità ta' ħajja aħjar.

34.7.10 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1077/21. Fornitur lokali qed jissupplixxi *cat shelters* skont ir-rekwiżiti li jintalbu.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill kien qed jibbenifika minn skema LC Care Project 'A Fund for Local Councils for Caring of Animals in the Residential Environment', fejn il-Kunsill qed jissupplixxi ikel lil *cat feeders* li rreġistraw l-interess mall-Kunsill wara li kienet saret sejħa għall-interess mall-komunità tal-Iklin.

34.7.11 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1085/21. Applikazzjoni għall-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika.

34.7.12 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa dwar korrispondenza nru. 1097/21. Inizzjattiva tal-Ministeru tal-Enerġija flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-implimentazzjoni ta' *charging pillars* għall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Is-Sindku qal li rridu nkunu pro-attivi għax din hija t-triq 'il quddiem u l-Kunsill irid jaħdem f'din id-direzzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill diġa għandu *points* fil-lokalità. Kompla billi qal li l-Kunsill ġie mitlub biex jidentifika aktar postijiet però hemm *deadline* li l-Kunsill irid jonora. Informa li kien kiteb lill-Ministeru konċernat biex jagħti aktar żmien lill-Kunsill biex nissottomettu rapport dwar identifikazzjoni ta' siti wara li jsir studju mill-konsulenti tal-Kunsill.

34.7.13 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1155/21. Direttiva 2/2021 – Contracts (Community Works) Managers.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-Dipartiment ħareġ Direttiva dwar proċedura għall-ingaġġ ta' *Contracts Manager*. Il-Kunsill Lokali għandu kuntratt fis-seħħ għal dan is-servizz.

34.7.14 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1108/21. Pedestrian & Cycling signage.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Istitut tat-Tibdil fil-Klima u l-Iżvilupp sostenibbli fi ħdan l-Università ta' Malta qed jaħdem fuq proġett u talbu lill-Kunsill biex jidentifika spazju fi Pjazza Ninu Cremona biex tiġi stallata sinjal li juri Pedestrian & Cycling. Dan l-eżercizzju qed isir madwar il-lokalitajiet kollha biex joħolqu rotta għal dawk li jużaw ir-rota u l-mixi.

34.7.15 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 1060/21. Talba għal *double yellow line marking* fi Triq Alfons Maria Galea.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fl-aħħar seduta tal-Kunsill kien deċiż li jsir appuntament ma' uffiċċjal mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex issir spezzjoni biex jikkonferma li l-marki taż-żebgħa u s-sinjali tat-traffiku huma konformi mar-regolamentazzjoni fis-seħħ. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien ottjena l-permess mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex għamel titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku fl-imsemmija triq fejn implimenta l-marki taż-żebgħa 'partial parking on pavement' minħabba n-natura tal-infrastruttura eżistenti.

34.7.16 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1117/21. Fondi ġġenerati mis-sistema tal-infurzar tal-liġi għall-proġett fil-lokalità.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill kien qed jgħaddi *project progress report* lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar titjib li qed isir fil-pavimentar fi Triq Ġużè Bonnici li kien jinkludi intervent fuq l-għeruq tas-siġar li kkawżaw ħsara fil-pavimentar fejn kellu jsir *root barrier*, modifikazzjoni tal-planter, *rain-water culvert* u xogħol ta' pavimentar. B'dan il-mod, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tiġi mgħarrfa li x-xogħlijiet huma għaddejjin biex il-Kunsill ma jitlifx il-fondi li għandu pparkjati għand l-Assoċjazzjoni li jammontaw għal Eur7k.

Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar li l-Kunsill kien applika għal skema b'fondi li ġejjin mingħand l-Aġenzija LESA biex ikun jista jtella l-attività kulturtali Festa Fjuri. Il-pjan kellu jinbidel minħabba l-pandemija COVID-19 u fejn il-Kunsill kien kostrett ibiddel l-iskop tal-proġett peress li l-edizzjoni Festa Fjuri 2020 u 2021 kellhom jiġu kkanċellati.

34.7.17 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1167/21. Il-kunċett ta' *Community Gardens*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din il-korrispondenza kienet intbagħtet lill-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent peress li din il-materja kienet taqa' taħt id-dekasteru tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta informazzjoni fuq inizzjattiva li ser ikunu qed iniedu Parks Malta flimkien mall-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. Il-Kunsilli qed jiġu

mistiedna biex jipparteċipaw f'dan il-proġett pilota sabiex jinħolqu Community Gardens fil-lokalità.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li meta ġie biex jirreġistra għall-interess, ħarġet il-mistoqsija fejn trid tidentifika ż-żona u tagħti daqs approssimattiv tal-art biex tipproċedi bl-applikazzjoni. Sallum din l-informazzjoni mhiex a diżpozizzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lill-Kunsillieri preżenti biex jidentifikaw qatat tar-raba' biex il-Kunsill ikun jista jissottometti l-interess bis-siti proposti f'dan ir-rigward.

Is-Sindku Dott. Sciberras ried jiċċara l-punt li rridu nkunu ċerti li l-*ownership* tar-raba' tkun proprjetà tal-Gvern u ma tkunx bi qbiela. Jista jkun hemm il-possibiltà li r-raba' tista tkun bi qbiela u ma tkunx qed tiġi utilizzata. Mill-esperjenza, is-Sindku qal li l-Gvern mhux eżattament jaf xi proprjetà għandu u m'għandux iżda jista forsi jagħti indikazzjoni ta' fejn jista jkun hemm raba'disponibbli.

**COMPLAINTS SHEET (2 ta' Gunju - 28 ta' Gunju 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 126 | 03/06/2021 | Bozza tisparkja fi Triq Fredrick Borg | Pending | Triq Fredrick Borg | **ENEMALTA** |
| 127 | 04/06/2021 | Hemm bzonn kinsa sew Triq il-Wied minħabba materjal tal-kostruzzjoni | Pending | Triq il-Wied | **CONTRACTOR** |
| 128 | 05/06/2021 | Hemm bżonn kinsa sew Triq il-Wied c/w Triq il-Ħarruba taħt s-siġar | Pending | Triq il-Ħarruba | **CONTRACTOR** |
| 129 | 05/06/2021 | Hemm bżonn kinsa mal-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq San Mikiel | settled | Triq San Mikiel | **CONTRACTOR** |
| 130 | 05/06/2021 | Staqsa dwar permess (603) u qal li ħallew il-ħmieġ quddiem garaxx 72, Triq G M Azzoaprdi | Handyman | Triq Ġ M Azzopardi | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 131 | 10/06/2021 | Biex jinżabru siġar li ħarġu fuq bankina ta' residenza Triq Dun Karm c/w Triq C Busuttil | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 132 | 12/06/2021 | Skart tal-bini mormi fi Triq it-Timu | Pending | Triq it-Timu | **COUNCIL** |
| 133 | 15/06/2021 | Talba biex jinqata' ħaxix li ħiereġ fuq il-bankina mill-għelieqi fi Triq Ġużè Galea | settled | Triq Ġużè Galea | **COUNCIL** |
| 134 | 16/06/2021 | Talba biex jitneħħa arblu tad-dawl min taħt il-bankina fi Triq Ġ. Calleja | Pending | Triq Ġ Calleja | **ENEMALTA** |
| 135 | 16/06/2021 | Bozza mitfija fejn 33, Triq il-Mużika fuq arblu | Pending | Triq il-Mużika | **ENEMALTA** |
| 136 | 21/06/2021 | Talba biex jinqata' ħaxix li ħiereġ fuq il-bankina mill-għelieqi fi Triq Ċensu Busuttil | settled | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 137 | 21/06/2021 | Ilment dwar trabijiet li qed iħallu min qed jibni fi Triq Ġużè Pesci. | BCA | Triq Ġużè Pesci | **BCA** |
| 138 | 23/06/2021 | Bozza mitfija mall-ħajt fejn 64, Triq Ġużè Galea | pending | Triq Ġużè Galea | **CONTRACTOR** |

## 34.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

34.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

34.8.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar line item nru. 21. dwar ħlas lill-fornitur Annalise Duca għal *add-ons* tas-sistema Permit Management System.

34.8.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar line item nru. 22 dwar ħlas ta' Eur7k lill-Università ta' Malta bħala depożitu ta' 50% tal-proġett Framework Collaboration Agreement bejn il-Kunsill Lokali Iklin u l-Università ta' Malta dwar studju xjentifiku fil-komunità.

34.8.4 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

34.8.5 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

34.8.6 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal xiri ta' tagħmir għall-playingfield mingħand il-fornitur Med Projects JGC Ltd għall-prezz ta' Eur613.60c V.A.T. inkluż;

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għandu obbligu morali li jassigura li ż-żamma tal-playingfield ikun fl-aħjar stat possibbli. N*em con*.

## 34.9 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

34.9.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

34.9.2 Applikazzjoni PA 02519/21 – Iklin Pharmacy & 113, Triq Geronimo Abos L-Iklin. Proposed internal and external alterations to existing pharmacy, change of use of Class 4 shop to Class 4 A clinic, including internal connection of the two spaces, changes to facade apertures and finishes, including changes to signage.

34.9.3 Applikazzjoni PA 03896/21 – no. 12 Triq Geronimo Abos L-Iklin. Proposed construction of a basement garages, ground floor Class 4B shop and four overlying residential dwellings with a differenti layout from the approved in permission PA/4895/15.

## 34.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

34.10.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu 2021 fil-5.30 pm.

34.10.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu 2021 fil-5.30 pm.

34.10.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.23 pm.

IFFIRMAT

IFFIRMAT

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv